MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1199/2003/1

**Nazzareno u Maria konjugi Ciantar**

**v.**

**Charles u Leanne Julia konjuġi Busuttil**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mil-atturi li tghid hekk:
"Peress illi l-atturi huma proprjetarji tal-garaxx bl-isem ta' "Annie *Garage*" li jinsab fi Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, Malta.

"Peress illi dan l-istess garaxx igawdi dritt ta' servitu` ta' tlett itwieqi ghal dawl, arja u prospett fuq gardin u bitha li jifformaw parti integrali minn Tanti Flats u Tanti *Garage*, Triq Mons. Buhagiar, Rabat, Malta proprjeta` tal-konvenuti.

"Peress illi b'konsegwenza ta' zvilupp u xoghlijiet illi l-konvenuti ghamlu fil-proprjeta` taghhom fuq imsemmija, inkluzi l-gardin u l-bitha fuq imsemmija, l-atturi gew imcahhda mill-ezercizzju tad-drittijiet taghhom ta' dawl, arja u prospett fuq riferiti.

"Peress illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali huma baqghu inadempjenti.

"Jghid ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara illi l-garaxx bl-isem "Anne *Garage*", li jinsab fi Triq Mons. Buhagiar, Rabat, Malta, proprjeta` ta' l-atturi jgawdi dritt ta' servitu` ta' tlett itwieqi ghal dawl, arja u propett fuq il-gardin u bitha li jifformaw parti integrali minn Tanti Flats u Tanti *Garage*, Triq Mons Buhagiar, Rabat, Malta, proprjeta` tal-konvenuti.

"2. Tiddikjara illi b'konsegwenza ta' l-izvilupp u xoghlijiet illi saru mill-konvenuti fil-proprjeta` taghhom fuq imsemmija, l-atturi gew imcahhda mid-drittijiet taghhom ta' dawl, arja u prospett fuq riferiti.

"3. Tikkundanna lill-konvanuti jaghmlu x-xoghlijiet li tindika dina l-Qorti b'opera ta' perit nomint ghal dan l-iskop sabiex jergghu jirripristinaw kollox fl-istat li kien qabel b'mod illi l-atturi jistghu jergghu jkomplu jgawdu d-drittijiet taghhom ta' dawl, arja u prospett fuq deskritti u dana fi zmien qasir u perentorju determinat minn dina l-Qorti.

"4. Tawtorizza lill-atturi sabiex jesegwixxu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti jekk it-terminu msemmi jghaddi inutilment u dana taht is-sorveljanza ta' perit arkitett fuq imsemmi.

“Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 28 ta’ Awissu 2003 u ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Settembru 2003 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew (fol. 39) illi:
”1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-Dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. Illi kif jista’ jirrizulta ampjament waqt is-smigh tal-kawza l-imsemmi fond konsistenti f’garaxx kien u ghadu jgawdi servitu` ta’ tlett itwieqi.

“3. Illi konsegwentement kull zvilupp illi sar mill-eccipjenti ma jinstab icahhad lill-atturi minn ebda drittijiet taghhom ta’ dawl, arja u prospett.

“4. Illi konsegwentement ma hemm ebda kundanna fil-konfront tal-konvenuti illi jesegwixxu xoghlijiet rimedjabbli, stante illi l-imsemmija servitu ta’ tlett itwieqi ghadhom bla mittiefsa.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju, 2006 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ l-kawza billi tgħid illi bil-bini ta’ terrazzin u ta’ ħajt fuq ix-xellug hekk kif tħares mil-loġġa ta’ l-atturi, il-konvenuti xekklu lill-atturi fit-tgawdija ta’ servitù ta’ dawl, arja u prospett minn tliet twieqi: għalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi żmien xahrejn mil-lum, huma jagħalqu kull aċċess għat-terrazzin u jneħħu l-ħajt li tellgħu fuq ix-xellug hekk kif tħares mil-loġġa ta’ l-atturi.

“Fil-każ illi l-konvenuti ma jagħmlux dan kollu fiż-żmien li ngħatalhom, il-Qorti tagħti lill-atturi s-setgħa illi, bi flus il-konvenuti u taħt id-direzzjoni ta’ l-A.I.Ċ. Godwin Abela li

qiegħed jinħatar għalhekk, jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa.

“Tikkundanna lill-konvenuti wkoll iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ma huwiex kontestat illi l-fond ta’ l-atturi jgawdi servitù ta’ dawl, arja u prospett minn tliet twieqi fuq il-fond tal-konvenuti. Ma huwiex kontestat ukoll illi l-konvenuti għamlu xogħlijiet tal-ġebel fil-fond servjenti. L-atturi qegħdin igħidu illi dawn ix-xogħlijiet ġodda ċaħħduhom mit-tgawdija tas-servitù, u l-konvenuti qegħdin jiċħdu dan; għalhekk saret il-kawża.

“It-twieqi li dwarhom saret il-kawża huma tlieta. L-ikbar waħda, li x’aktarx hija loġġa, qiegħda fil-ħajt ta’ wara tal-*garage*. Aktar ’il ġewwa minn din il-loġġa u fuq il-lemin tagħha, mill-*garage* tidħol f’kamra tal-banju u fil-ħajt tal-ġenb tax-xellug ta’ din il-kamra — li jifforma angolu ta’ disgħin grad (90$^{o}$) mal-ħajt fejn hemm il-loġġa — hemm iż-żewġt itwieqi l-oħra. Dan kollu jidher aħjar fil-pjanta li qiegħda *fol*. 34 tal-proċess. Il-loġġa u t-twieqi jidhru minn barra fir-ritratt dok. CB1 *fol.* 47 tal-proċess.
“Qabel ma saru x-xogħlijiet mill-konvenuti, it-twieqi ta’ l-atturi kienu jħarsu fuq bitħa xi sular jew ftit aktar ’l isfel mil-livell tat-tieqa u fuq ġardina aktar ’il barra. Il-bitħa kienet f’parti minnha msaqqfa b’mod illi t-twieqi ta’ l-atturti kienu taħt il-livell tas-saqaf.

“Illum il-bitħa ssaqfet f’livell aktar baxx, taħt il-livell tat-twieqi, u għalhekk fuq is-saqaf il-ġdid sar bħal terrazzin imsaqqaf li l-art tiegħu qiegħda xi metru taħt il-livell tat-tieqa, u li għandhom aċċess għalih il-konvenuti. Tela’ wkoll ħajt ġdid, faċċata tal-ħajt fejn hemm iż-żewġt itwieqi u xi dsatax-il ċentimetru (19cm) ’l bogħod mil-loġġa.

“L-atturi qegħdin jilmentaw kemm minħabba l-bini ta’ l-art tat-terrazzin kif ukoll minħabba l-ħajt.

“Il-materja hija regolata bl-art. 474(1) tal-Kodiċi Ċivili:

““**474.** (1) Is-sid tal-fond serventi ma jista’ jagħmel xejn li jista’ jnaqqas l-użu tas-servitù jew li jagħmel li dan l-użu jkun ta’ xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista’ jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitù parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet ġiet stabbilita fil-bidu.”

“Fil-fehma tal-qorti, il-ħolqien tat-terrazzin inaqqas it-tgawdija tas-servitù u jagħmel dak l-użu ta’ xkiel akbar għall-atturi. Fil-fatt, waqt illi qabel ma sar it-terrazzin l-atturi setgħu jgawdu t-twieqi mingħajr ebda suġġizzjoni, illum f’kull waqt jista’ jiġri illi l-konvenuti mit-terrazzin jittawlu mit-twieqi għal ġewwa l-fond ta’ l-atturi, u hekk it-twieqi jservu mhux biss bħala mezz ta’ servitù favur l-atturi iżda wkoll, effettivament, bħala mezz ta’ servitù favur il-fond tal-konvenuti fuq il-fond ta’ l-atturi. Biex ma jħallux illi dan isir l-atturi jkollhom iżommu t-twieqi magħluqa, u dan ma jistax ma jkunx ta’ xkiel fit-tgawdija tat-twieqi.

“Tassew illi l-konvenuti ressqu xhieda illi l-atturi ftit li xejn kienu jżommu dawn it-twieqi miftuħa. Dan il-fatt iżda ma għandu ebda relevanza għall-meritu tal-kawża, ladarba ma tressqet ebda eċċezzjoni illi s-servitu ntilfet taħt l-art. 481 tal-Kodiċi Ċivili għax is-sid tal-fond dominanti ma nqediex biha.

“Għalhekk, fil-fehma tal-qorti, il-bini ta’ l-art tat-terrazzin f’livell illi mill-istess terrazzin tista’ tħares mit-twieqi għal ġewwa l-fond ta’ l-atturi sar bi ksur ta’ l-art. 474(1) tal-Kodiċi Ċivili.

“Ir-rimedju għal dan ma jkunx bilfors illi titneħħa l-art iżda illi lill-konvenuti ma jitħallilhomx aċċess għaliha, għax ma hijiex l-art infisha iżda l-aċċess tal-konvenuti għaliha li qiegħed ixekkel lill-atturi fit-tgawdija tat-twieqi

“Dwar il-ħajt li nbena faċċata tal-ħajt fejn hemm iż-żewġt itwieqi, l-ilment ta’ l-atturi hu illi l-dan il-ħajt igħatti l-veduta miż-żewġ twieġi li qegħdin faċċata tiegħu. Barra minn hekk, dan il-ħajt hu biss dsatax-il ċentimetru (19cm) ’l bogħod mill-loġġa.

"Dwar id-distanza, il-liġi tgħid hekk fl-art. 443 tal-Kodiċi Ċivili:

""**443.** (1) Is-sid ta' bini ma jistax jiftaħ twieqi f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju."

"Dan l-artikolu iżda jirregola l-ftuħ tat-twieqi, mhux il-bini tal-ħitan. Tassew illi fil-ħajt hemm bieb, u dan il-bieb ukoll huwa anqas mill-bogħod li trid il-liġi mill-ħajt fejn hemm il-loġġa. Dan il-bieb iżda huwa l-bieb illi lill-konvenuti jagħtihom aċċess għat-terrazzin u illi, għar-raġunijiet meqjusa qabel, għandu jingħalaq.

"Lanqas ma jista' jingħad illi bil-bini tal-ħajt f'bogħod anqas milli trid il-liġi jqiegħed il-loġġa ta' l-atturi fi ksur ta' l-art. 443; il-loġġa nfetħet qabel ma sar il-ħajt u nfetħet leġittimament bis-saħħa ta' servitù. Dak li jsir wara ma jibdilx il-leġittimità tal-loġġa.

"Fadal biss, għalhekk, li naraw jekk bħala fatt dan il-ħajt ixekkilx it-tgawdija tas-servitù ta' dawl, arja u prospett mit-twieqi ta' l-atturi.

"Ladarba ma huwiex kontestat illi s-servitù li jgawdi l-fond ta' l-atturi ma hijiex biss servitù ta' dawk u arja iżda wkoll ta' prospett, fil-fehma tal-qorti ma jistax ikun hemm dubju illi l-bini tal-ħajt inaqqas il-prospett, kemm dak laterali mil-loġġa, u kif ukoll dak frontali mit-twieqi l-oħra. Il-bini tal-ħajt ukoll, għalhekk, sar bi ksur ta' dak li jrid l-art. 474(1) tal-Kodiċi Ċivili."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti:
"... ... billi tikkonferma s-sentenza in kwantu ordnat illi s-saqaf u t-terrazzin ghandu jibqa' hekk kif zviluppat u thassar u tirrevoka s-sentenza fil-parti fejn ordnat it-tnehhija tal-hajt fuq ix-xellug tal-logga u tipprekludi lill-appellanti milli jkollhom access ghat-terrazzin, u konsegwentement tichad u tirrespingi t-talbiet kollha attrici

kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat li l-konvenuti, quddiem din il-Qorti, eccepew ulterjorment (u dan fir-rikors tal-appell) il-preskrizzjoni ghat-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 481 tal-Kodici Civili;

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-atturi jallegaw li jgawdu servitu` ta' arja, dawl u prospett ghal fuq art tal-konvenuti minn *garage* li ghandhom fi Triq Mons. A. Buhagiar, ir-Rabat. Ilmentaw li bix-xoghlijiet li l-konvenuti wettqu fil-proprjeta` taghhom adjacenti tnaqqset id-dgawdija ta' dan is-servitu`. Il-konvenuti ma kkontestawx l-ezistenza ta' dan is-servitu` izda qalu li bix-xoghlijiet li kienu qed jaghmlu ma kenux qed inaqqsu mid-drittijiet ta' prospett, arja u dawl li kienu jgawdu l-atturi.

L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici wara li, minn access li hi stess ghamlet fuq is-sit in kwistjoni, sabet illi "ma jistax ikun hemm dubju" li whud mix-xoghlijiet li qed jaghmlu l-konvenuti, inaqqas id-dgawdija tas-servitu` li ghandhom favur taghhom l-atturi. Il-Qorti sabet ukoll li l-bini tal-hajt mill-konvenuti ma ttellghax fid-distanza li jrid l-Artikolu 474(1) tal-Kodici Civili: Dik il-Qorti ordnat li jsiru x-xoghlijiet rimedjali.

Il-konvenuti appellaw bl-aggravji jkunu li huma ma xekklux id-dgawdija tas-servitu`, mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-fond dominanti hu *garage* mhux dar residenzjali, u li l-atturi, f'kull kaz tilfu s-servitu` bin-non-uzu ta' 30 sena.

Dan l-ahhar aggravju huwa l-meritu tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti quddiem din il-Qorti.

Trattata l-ewwel din l-ahhar kwistjoni, din il-Qorti tibda biex tosserva li l-konvenuti jaqblu li l-atturi kellhom is-servitu` ta' prospett, arja u dawl mit-twieqi li l-*garage* ghandu fuq wara. Fil-fatt, fit-tieni u fit-tielet eccezzjoni ntqal illi l-fond tal-atturi "*jgawdi servitu` ta' tlett itwieqi*" u "*drittijiet taghhom ta' dawl, arja u prospett*". Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti qalu wkoll illi "*huwa stat ta' fatt mhux ikkontestat illi l-fond ta' l-atturi ghandu servitu` ta' tlett itwieqi fuq il-fond tal-konvenuti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' takkolji l-ewwel talba attrici*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-premess jirrizulta mhux biss li, fil-fatt, l-atturi jgawdu minn dan is-servitu` (li del resto jirrizulta wkoll mill-provi mressqa), izda li dan is-servitu` ghadu jezisti, ghax kieku l-konvenuti ma kienux jghidu li l-Qorti setghet tilqa' l-ewwel talba attrici li hi talba dikjaratorja diretta lejn konferma tal-ezistenza tas-servitu`. Din il-posizzjoni tikkontrasta mal-posizzjoni li l-konvenuti qed jiehdu issa f'dan l-istadju, cioe` fl-istadju ta' appell, fejn qed jallegaw li l-atturi m'ghadx ghandhom dritt ghat-tgawdija tas-servitu` ghax tilfuh bin-non-uzu! L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-process gudizzjarju, anke fi stadju ta' appell, pero`, ma tistax tintlaqa' jekk tkun kontradetta bi stqarrijiet tal-istess eccipjent. Fil-kuntest ta' din il-kawza, il-konvenuti ma jistghux l-ewwel jghidu li l-fond tal-atturi "ghandu" s-servitu` u hekk ghandu jigi dikjarat, u fl-istess nifs jecepixxu li dan id-dritt intilef bin-non-uzu. Din l-eccezzjoni tistona wkoll mad-diversi stqarrijiet tal-konvenuti illi x-xoghlijiet li huma ghamlu fil-fond taghhom hallew is-servitu` tal-atturi bla mittiefsa.

Barra minn dan, kif qalet tajjeb il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Farrugia et v. Gallichen", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1994, biex din l-eccezzjoni tirnexxi, iridu jitressqu provi cari u inekwivoci li t-titolar tad-dritt irrinunzja ghal dak id-dritt. Ir-rinunzji, qalet il-Qorti, huma ta' interpretazzjoni strettisima u, apparti t-trapass taz-zmien, irid jintwera li s-

sid tal-fond dominanti kellu l-intenzjoni cara li jirrinunzja ghal dik it-tgawdija.

F’din il-kawza dan ma jirrizultax. Mill-provi ma hemmx indizji cari u assoluti li l-volonta` tas-sid tal-fond dominanti nbidlet. Mhux biss l-attur Reno Ciantar spjega kif kien juza t-twieqi qabel ma beda l-izvilupp mill-konvenuti (u dan biex iqabbel il-posizzjoni li sab ruhu fiha wara li bdew ix-xoghlijiet), izda certa Annie Borg xehdet illi sal-1980 hija kienet familjari ma’ dan il-*garage* u xehdet dwar l-uzu tat-twieqi. Apparti dan, f’kaz ta’ twieqi, l-uzu hu mistenni li jkun sporadiku u wkoll is-sid tal-fond dominanti jista’ jiehu arja u dawl minghajr ma fizikament jersaq vicin it-tieqa. Ghalhekk, ma jistax jinghad li gie muri konkluzivament l-abbandun tal-uzu ghaz-zmien rikjest mil-ligi.

Ghar-rigward l-effett tax-xoghlijiet li wettqu l-konvenuti, hu principju li l-proprjetarju tal-fond serventi ma jistax jaghmel dawk l-innovazzjonijiet li jnaqqsu l-uzu tas-servitu` jew irrendu s-servitu` aktar skomoda, b’mod li jarrekaw pregudizzju apprezzabbli lill-proprjetarju tal-fond dominanti, avut rigward ghan-natura u l-oggett tas-servitu`. Fil-kawza “Stilon Depiro v. Axisa”, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Jannar, 1958, intqal li min itella’ opri li jostakolaw l-ezercizzju tas-servitu` ta’ prospett jista’ jigi kkundannat jirrimuovi l-opri li jkun tella’ ghax dawn ikunu qed jalteraw l-istat originali tal-fond serventi billi jiddisturba l-prospett originali.

F’dan il-kaz il-konvenuti argumentaw li trattandosi ta’ *garage*, l-uzu tas-servitu` mill-atturi ghandu jkun limitat. Din il-Qorti ma taqbilx mal-generalita` ta’ din l-asserzjoni, u tara li s-servitu` ghandu jithalla li jitgawda skond l-iskop naturali tieghu u ic-cirkustanzi u l-htigijiet tal-fond dominanti. F’dan il-kaz, ghalkemm il-fond dominanti huwa destinat ghall-uzu ta’ remissa, dan ma jeskludix it-tgawdija kompleta tas-servitu` u l-uzu tal-fond bhala *store*, kif kien isir, u t-tnaqqis tal-possibbilita` ta’ din it-tgawdija li kkonstatat l-ewwel Qorti mill-access li hi stess ghamlet fuq is-sit, ghandu jwassal ghall-ordni ta’ tnehhija ta’ dak l-ostakolu.

L-ewwel Qorti rat b'ghajnejha l-iskop tat-twieqi u l-uzu li jista' jsir minnhom fit-termini tas-servitu` li jgawdi l-fond tal-atturi, u rat li x-xoghol li wettqu l-konvenuti fil-fatt qed ifixklu t-tgawdija tas-servitu` b'mod pregudizzjevoli bizzejjed li tordna r-rimozzjoni. L-argument tal-konvenuti li t-tnaqqis ta' dawl huwa konsegwenza ta' zvilupp maghmul minn terzi ma giex ippruvat; kif inghad, l-ewwel Qorti marret hi fuq il-post u rat li kienu x-xoghlijiet tal-konvenuti li kienu qed jostakolaw is-servitu`. Apparti l-fatt li din il-Qorti m'ghandhiex ghax tiddubita fuq dak li kkonstatat *de visu* l-ewwel Qorti, minn ezami tar-ritratti u l-pjanti esebiti f'dan il-process ghandu jirrizulta bla ebda dubju li kienu x-xoghlijiet li wettqu l-konvenuti li, fil-verita`, ostakolaw it-tgawdija tas-servitu` in kwistjoni. It-telf, specjalment tad-dawl, li holqu x-xoghlijiet tal-konvenuti ghandhom iwasslu ghal ordni ta' xoghol rimedjali biex is-servitu` jitkompla jitgawda bla mittiefes.

Fil-kuntest tar-rimedju li ordnat l-ewwel Qorti, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, u tara li d-decizjoni tal-ewwel Qorti jisthoqqilha li tkun ikkonfermata. Il-hajt fuq ix-xellug hekk kif thares mil-loggja tal-fond tal-atturi ghandu jitnehha, mhux biss ghax ma itellax f'distanza li trid il-ligi, izda, kif spjega tant tajjeb l-attur, wassal biex l-istess attur gie maghluq qiesu "go mina", b'deprezzament ghall-valur tal-istess fond dominanti. Qabel ma nbena dan il-hajt kien hemm bitha u gardina wiesa ta' zewg garaxxijiet, li kien igawdi minnha sid il-fond dominanti tramite t-twieqi li kellu fil-fond; issa hemm hajt ezatt mal-logga li, kif ikkonstatat l-ewwel Qorti, inaqqas il-prospett kemm dak laterali mil-logga, u kif ukoll dak frontali mit-twieqi l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu ta' xahrejn impost mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------